DIRETTORAT GĦAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

**Tel:** 2598 2426 / 2598 2425 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

**ĊIRKULARI**

**Informazzjoni:** X **Data:** 2 ta' Marzu 2015

**Azzjoni:** X **Ref:** DCM 067/2015

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Sekondarji tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja u Sezzjonijiet

**Mingħand:** David Agius-Muscat, Doreen Coleiro, George Mifsud, David Muscat
L-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti u l-Uffiċjali Edukattivi tas-Sekondarja

**Suġġett:** **Kors ta' aġġornament volontarju għall-għalliema fl-iskejjel sekondarji li ma jgħallmux il-Malti u jixtiequ jaġġornaw ruħhom fl-ortografija tal-Malti**

---

It-Taqsima tal-Malti tad-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti jistiednu lill-għalliema kollha li jgħallmu fl-iskejjel sekondarji (tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti) għal kors ta' aġġornament fuq bażi volontarja bl-isem **L-Ortografija tal-Malti**. Dan il-kors huwa mmirat għall-għalliema tas-sekondarja (li mhumiex għalliema tal-Malti), li jużaw il-Malti fit-tagħlim, jew iħossu l-ħtieġa li jsaħħu l-għarfien tagħhom fl-ortografija.

Dan se jsir mit-3:30pm sal-5:30pm fl-Iskola Sekondarja tal-Bniet, Kulleġġ Sant-Injazju, Tal-Ħandaq (Ħal Qormi), f'dawn il-jiem:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **15 ta' April** | **22 ta' April** | **29 ta' April** | **6 ta' Mejju** | **13 ta' Mejju** | **20 ta' Mejju** |

Inħeġġu lill-għalliema li jattendu l-kors iressqu d-diffikultajiet ortografiċi li jiltaqgħu magħhom huma u l-istudenti tagħhom u jistaqsu l-mistoqsijiet li jkollhom.

**L-għalliema li jixtiequ jattendu dan il-kors għandhom jibagħtu ittra elettronika b'isimhom u kunjomhom, in-numru tal-identità, l-indirizz postali u elettroniku, in-numru tat-telefown, is-suġġett u l-iskola fejn jgħallmu lill-Uffiċjal Edukattiv tal-Malti, is-Sa Doreen Coleiro, maria.dolores.coleiro@ilearn.edu.mt sa nhar il-Ġimgħa 30 ta' Marzu 2015.**

Il-kors huwa bla ħlas u se jingħażlu l-ewwel tletin għalliem li japplikaw.

Min jattendi l-laqgħat kollha jingħata ċ-ċertifikat uffiċjali mid-Direttorat tal-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

Grazzi,

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu**